IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI GĦALL-
AFFARIJIET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 7.6.2016
JOIN(2016) 26 final

2016/0166 (NLE)

Proposta Konġunta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-proposta mehmuża tikkostitwixxi l-istrument legali għall-konklużjoni tal-Ftehim Imtejjeb ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim").

Ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea (UE) u r-Repubblika tal-Każakistan (Każakistan) bħalissa huma bbażati fuq il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni ffirmat fi Brussell fit-23 ta' Jannar 1995, li daħal fis-seħħ f'Ġunju tal-1999.

Fit-13 ta' April 2011, il-Kunsill adotta Deċiżjoni li tawtorizza lill-Kummissjoni Ewropea biex tinnegozja l-Ftehim Imtejjeb ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Każakistan. In-negozjati tal-Ftehim beda f'Ġunju 2011, u l-UE u l-Każakistan inizjalaw il-Ftehim fl-20 ta' Jannar 2015. Wara l-adozzjoni, fis-26 ta' Ottubru 2015, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, il-Ftehim ġie ffirmat fil-21 ta' Diċembru 2015, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

Għall-UE, il-Ftehim huwa pass importanti lejn involviment politiku u ekonomiku ikbar fl-Asja Ċentrali. Billi jsaħħaħ id-djalogu politiku u jtejjeb il-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma, dan se jkun il-bażi għal relazzjoni bilaterali iktar effettiva mal-Każakistan.

Dan il-Ftehim jinkludi l-klawżoli politiċi standard tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem, il-qrati kriminali internazzjonali, l-armi tal-qerda massiva, l-armi żgħar u l-armamenti ħfief u l-ġlieda kontra t-terroriżmu. Huwa jinkludi wkoll dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni fl-oqsma tas-saħħa, l-ambjent, it-tibdil fil-klima, l-enerġija, it-tassazzjoni, l-edukazzjoni u l-kultura, l-impjiegi u l-affarijiet soċjali, ix-xjenza u t-teknoloġija, u t-trasport. Barra minn hekk, ikopri wkoll il-kooperazzjoni legali, l-istat tad-dritt, il-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni.

Il-Ftehim fih taqsima sostanzjali dwar il-kummerċ b'impenji importanti f'diversi oqsma ta' politika kummerċjali. Dawn se jiżguraw ambjent regolatorju aħjar għan-negozji fil-Każakistan, u b'hekk iġibu benefiċċji ekonomiċi sostanzjali għal negozji tal-UE.

Il-Ftehim ġie nnegozjat u inizjalat mill-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Każakistan bħala l-Ftehim tal-Unjoni biss. Peress li l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea kienu unanimi meta għażlu Ftehim imħallat, ġie miftiehem li jiġi emendat it-test inizjalat tal-Ftehim u l-Proposta Konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim skont dan. Bi tweġiba għal dan, il-Kummissjoni Ewropea għamlet id-dikjarazzjoni li ġejja:

"Minħabba r-rilevanza politika u ekonomika tal-Ftehim Imtejjeb ta' Sħubija u Kooperazzjoni (EPCA) mal-Każakistan, il-Kummissjoni tenfasizza l-importanza ta' ffirmar u ratifika rapida. Il-Kummissjoni ttenni l-pożizzjoni tagħha li ftehim "imħallat" legalment mhux meħtieġ f'dan il-każ u li l-kwistjonijiet kollha fil-ftehim jaqgħu fil-kompetenza tal-UE. Għaldaqstant, il-

Kummissjoni jiddispjaċiha li l-Istati Membri jinsistu li jiffirmaw u jirratifikaw l-EPCA mal-Każakistan bħala ftehim "imħallat". Il-Kummissjoni tirriżerva l-pożizzjoni tagħha rigward il-preżentazzjoni futura ta' atti marbuta man-natura legali ta' ftehim internazzjonali."

Wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, il-Ftehim ġie ffirmat mill-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Każakistan bħala Ftehim imħallat.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

L-għażla tal-bażi ġuridika "għandha tibbaża ruħha fuq fatturi oġġettivi li jistgħu jwasslu għal stħarriġ ġudizzjarju, li fosthom hemm, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut ta' dak l-att".[1] Il-bażi legali ta' miżura tiddependi fuq l-iskop predominanti tagħha. Provvedimenti li huma anċillari għal skop prinċipali ma jeħtiġux bażi legali separata. Miżuri li ma għandhomx skop predominanti wieħed jistgħu, madankollu, ikunu bbażati fuq iktar minn bażi ġuridika waħda[2], bil-kundizzjoni li l-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet implikati skont kull bażi ġuridika jkunu kompatibbli ma' xulxin.

Kif deskritt fl-Artikolu 2, "L-għanijiet ta' dan il-Ftehim", il-Ftehim għandu l-għan li jistabbilixxi sħubija li tinvolvi kooperazzjoni iktar estensiva bejn il-partijiet, imsejsa fuq interess komuni. Huwa ddisinjat sabiex jiżviluppa r-relazzjoni bejn iż-żewġ partijiet f'kull qasam li jkopri. Tali kooperazzjoni hija deskritta bħala "proċess bejn il-Partijiet li tikkontribwixxi għall-paċi internazzjonali u reġjonali u għall-istabbiltà u l-iżvilupp ekonomiku, u hija strutturata madwar il-prinċipji li l-Partijiet jaffermaw mill-ġdid permezz tal-impenji internazzjonali tagħhom, b'mod partikolari taħt in-NU u l-OSKE".

Fir-rigward tal-kontenut tiegħu, il-Ftehim huwa bbażat fuq tliet punti ewlenin:

– *Id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni politika fil-qasam tal-politika barranija u tas-sigurtà:* Titolu I "Prinċipji u għanijiet ġenerali ta' dan il-Ftehim" u Titolu II "Djalogu politiku: kooperazzjoni fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà". Titolu II fih dispożizzjonijiet dwar id-djalogu politiku, id-demokrazija u l-istat tad-dritt, il-politika estera u tas-sigurtà, is-sigurtà spazjali, reati serji ta' tħassib internazzjonali, il-prevenzjoni ta' konflitti u l-ġestjoni ta' kriżijiet u l-ġlieda kontra t-terroriżmu.

– *Il-kummerċ u n-negozju* Titolu III "Il-kummerċ u n-negozju" jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-kummerċ tal-merkanzija, id-dwana, l-ostakli tekniċi għall-kummerċ, kwistjonijiet sanitarji u fitosanitarji, is-servizzi u l-istabbiliment, il-moviment tal-kapital u l-pagamenti, il-proprjetà intellettwali, l-akkwist pubbliku mill-gvern, il-materja prima u l-enerġija, il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, il-kompetizzjoni u s-soluzzjoni tat-tilwimiet kummerċjali.

– *Kooperazzjoni settorjali:* Titolu IV, "Kooperazzjoni fil-qasam tal-iżvilupp ekonomiku u sostenibbli"; Titolu V, "Kooperazzjni fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja"; Titolu VI, "Politiki oħra ta' kooperazzjoni"; Titolu VII, "Kooperazzjoni

[1] Il-Kawża C-155/07, il-*Parlament v il-Kunsill*, il-paragrafu 34.
[2] Il-Kawża C-490/10, il-*Parlament v il-Kunsill*, il-paragrafu 46.

finanzjarja u teknika". Dawn it-Titoli jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma bħalma huma l-migrazzjoni, l-ambjent, it-tassazzjoni, it-trasport, l-edukazzjoni, is-soċjetà tal-informazzjoni, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali.

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim hija bbażata fuq l-Artikolu 37 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll fuq l-Artikoli 207 u 209 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu.

Natura legali

Il-Ftehim jistabbilixxi qafas istituzzjonali magħmul mill-Kunsill ta' Kooperazzjoni, il-Kumitat ta' Kooperazzjoni u l-Kumitat ta' Kooperazzjoni Parlamentari (ara t-Titolu VIII "Qafas istituzzjonali" u t-Titolu IX "Dispożizzjonijiet ġenerali u finali"). Huwa jintroduċi wkoll proċedura għas-soluzzjoni tat-tilwim, li tintuża fil-każ li waħda mill-partijiet tonqos milli twettaq l-obbligi tagħha skont il-Ftehim.

Dan il-Ftehim huwa konkluż għal perjodu illimitat, u jista' jiġi mitmum b'avviż formali ta' sitt xhur.

Mad-dħul fis-seħħ tiegħu, il-Ftehim jieħu post il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra, iffirmat fit-23 ta' Jannar 1995.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-Kunsill kien infurmat f'kull stadju tan-negozjati. Huwa ġie kkonsultat fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali u fil-Kumitat tal-Politika Kummerċjali.

Il-Parlament Ewropew ġie infurmat immedjatament u bis-sħiħ matul in-negozjati.

2016/0166 (NLE)

Proposta Konġunta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni ta' Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 207 u 209, flimkien mal-Artikolu 218(6) (a) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 218(8) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2016/123 tas-26 ta' Ottubru 2015[3], il-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra, ġie ffirmat fil-21 ta' Diċembru 2015, u huwa suġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

(2) Il-Ftehim huwa pass importanti lejn involviment politiku u ekonomiku ikbar tal-Unjoni Ewropea fl-Asja Ċentrali. Billi jsaħħaħ id-djalogu politiku u jtejjeb il-kooperazzjoni f'firxa wiesgħa ta' oqsma, dan se jkun il-bażi għal relazzjoni bilaterali iktar effettiva mar-Repubblika tal-Każakistan.

(3) Il-Ftehim għandu jiġi approvat f'isem l-Unjoni Ewropea.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim Imsaħħaħ ta' Sħubija u Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika tal-Każakistan, min-naħa l-oħra, huwa b'hekk approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill jaħtar il-persuna(i) bis-setgħa li tipproċedi/jipproċedu, f'isem l-Unjoni Ewropea, skont l-avviż previst fl-Artikolu 281 tal-Ftehim, biex ikun espress il-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tkun marbuta bil-Ftehim.

[3] ĠU L 29, 4.2.2016, p. 1

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.[4]

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

[4] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ser tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.